A.L. 318 ta' l-2006

ATT DWAR SERVIZZI TA' INVESTIMENT (KAP. 370)

Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw it-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Servizzi ta' Investiment

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar Servizzi ta' Investiment, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, bil-pariri ta' l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw it-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Servizzi ta' Investiment, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mat-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Servizzi ta' Investiment, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjħa "it-Tieni Skeda".

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2007.

Ħassar il-paragrafu 7 tat-Tieni Skeda.

2. Paragrafu 7 tat-Tieni Skeda għandu jiġi mħassar.

Disposizzjoni konsegwenzjali.

3. Riferenza f'liċenza tas-servizzi ta' investiment għal kull servizz ta' investiment fir-rigward ta' l-istrumenti inklużi fil-paragrafu 7 tat-Tieni Skeda, liema paragrafu qiegħed jiġi mħassar bir-regolament 2, għandha titqies li ġiet imħassra u m'għandhiex ikollha aktar effett. Għaldaqstant detenturi ta' liċenza b'referenza bħal dik fil-liċenza tagħhom għandhom mingħajr dewmien jew jirritornaw il-liċenza tagħhom lill-awtorità kompetenti jew jippreżentaw l-istess liċenza lill-imsemmija awtorità għall-emendi meħtieġa, skond il-każ u skond il-ħtiġijiet stabbiliti għal dan il-għan mill-awtorità kompetenti.